MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard (Urġenti)

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 35

5 ta' Novembru 2021

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.11pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sinjuri Victor Galea, Connie Scerri, John P. Bonnici u Giorgio Mario Schembri.

## 35.1 Approvazzjoni ta' Bord Ġdid għall-Evalwazzjoni tal-Uffiċċini l-Ġodda tal-Kunsill

35.1.1 Is-Sur Cordina rringrazzja lill-kulħadd talli għoġobhom jiltaqgħu hekk malajr. Hu qal li l-Bord tal-Appell iltaqa' online u ż-żewġ partijiet ressqu l-punti tagħhom. Qal li bażikament il-Bord iddeċieda li jilqa' in parti l-appell imma b'tali mod li ordna li ssir evalwazzjoni mill-ġdid. Hu qal li dan ħa jfisser iktar dewmien li ma xtaqx u li l-biża tiegħu hi li ħa jibilgħu sena kera oħra. L-Avukat Brincat saqsa jekk hux il-PCRB iddeċieda li jikkaċella l-għazla u ssir evalwazzjoni mill-ġdid. Is-Sur Cordina qal li iva ikkaċċellat l-għażla u jrid jinħatar bord ġdid. Is-Sur Cordina qal li qed jipproponi żewġ membri tal-Bord li mill-estern i.e. li huma s-Sur Duncan Hall, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Bormla u s-Sur Adrian Mifsud eks direttur għad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-Perit Giorgio Schembri u s-Sur Alex Mangion. L-Avukat Caruana reġgħet irrepetiet l-għażla minħabba li s-Sur Bonnici ma setax jidħol online u kien fuq il-linja telefonika. L-Avukat Brincat saqsa min hu Duncan Hall minħabba li ma kienx sew u s-Segretarju Eżekuttiv irrepetiet dak li ntqal. Kulħadd qabel.

## 35.2 Approvazzjoni ta' Rapport imħejji mill-Bord tal-Evalwazzjoni Bini ta' Ċentru għall-Informazzjoni, Turiżmu u Kultura

35.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien tlaqqa' Bord tal-evalwazzjoni taċ-Centru kompost mill-periti tal-Kunsill fuq dan il-proġett i.e. l-Perit Edward Said, il-Perita Daniela Zammit u l-Ingineer Claude Vella. Hija qalet li l-proċess t'evalwazzjoni mexa ħarir fejn kull *bidder* għadda amministrattivament, fis-Sezzjoni teknika weħel il-bidder Aretrop minħabba nuqqas ta' sottomissjonijiet tekniċi u finanzjarjament għalkemm ssottomettew kollox għaddew LBA Limited, FES Limited u Proman Limited minħabba li kif kienet ġa qalet Aretrop weħel fit-teknika. It-tender ġie rakkomandat li jingħata lill-irħas bidder f'dan il-każ Proman Limited għall-prezz ta' €353090.99. Hi qalet li jekk kulħadd jaqbel jibda l-proċess ta' rakkomandazzjoni onlajn fejn wara li jgħaddu 10 t'ijiem ikun jista' jiġi ffirmat il-kuntratt. L-Avukat Brincat qal li xorta jkun hemm ċans t'appell minħabba li kien hemm bidder li m'għadhiex. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jista' imma f'dan il-każ it-tender ingħata lill-irħas wieħed. Is-Sur Cordina qal li fil-każ tal-Uffiċċini ix-xogħol kien bil-kontra m'għaddhiex l-irħas u kellhom imorru fuq it-tieni wieħed.

Ir-rapport tal-evalwazzjoni ġie approvat.

L-Avukat Caruana saqsiet jekk dan il-prezz kienx within baġit? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li surprisingly enough il-bagit għal dan il-proġett kien ta' madwar €650,000 għalhekk dan it-tender ħareġ bi prezz tajjeb ħafna. L-Avukat Brincat saqsa fuq kemm kien l-ammont ta' baġit tal-Uffiċċini. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ammont kien ta' xi €360,000 u fil-fatt kemm mill-ewwel bid kif ukoll għat-tieni il-Kunsill xorta ħa jiffranka bejn il-€50,000 u €90,000 skont kif jintemm il-proċess t'għażla. Il-Perit Schembri daħal f'dan il-mument 6.21pm. Huma qalu li l-

fondi ħa jiġu mill-Planning Development Fund. Dan il-proġett kien applikat għal *full financing* imma ġaladarba l-proċess twal issa tispera li ma jaqgħux 70/30. Is-Sur Cordina qal li jekk xorta ma jkunx *fully funded* u jiġi 70/30 hemm flus biżżejjed imġemmgħin biex il-proġett isir. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li iktar ma jkun baxx il-prezz iktar ikun baxx il-kofinanzjament. Għalhekk jekk wiehed jieħu xi l-€260,000 il-kofinanzjament dan jiġi ta' 'l fuq minn €70,000. L-Avukat Caruana saqsiet jekk dan jiġi hux ħa jiġi kważi finished. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jkun jonqos biss xi għamara, purtieri, ħadid ħabba l-grawnd u forsi xi cupboards.

## 35.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

35.3.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.26pm u ġiet aġġornata għas-17 ta' Novembru 2021 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 17 ta' Novembru 2021.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv